

# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.


---


Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tal-Tel.: 556187


---


**Abbonament għal sena**
Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.


**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex bil-għajnuna tal-Madonna nissaħħu fil-fidi permezz ta' qari tajjeb.


**Gozo Press.**

SENA I — Nru. 3

**Lulju — Settembru 1980.**


---

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


| | |
|---|---|
| * Il-Kelma tar-Rettur | 65 |
| * Marija, Omm il-Knisja | 66 |
| * Is-Santwarju sa nofs is-seklu sbatax | 69 |
| * Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku matul iż-żminijiet (3) | 74 |
| * Il-Madonna fit-Tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II (2) | 77 |
| * A word from Pope John Paul II | 79 |
| * Hymn to Our Lady Assumed into Heaven | 80 |
| * Irish Bishop's Pastoral | 82 |
| * Our Lady's Place in Christian Life | 84 |
| * Il-Kult Marjan fost il-Kopti | 87 |
| * Kronaka tas-Santwarju | 89 |
| * Is-Sliem Għalik | 96 |


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet littwajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Il-misteru tas-salvazzjoni tagħna ġie mwettaq minn Kristu fuq il-Kalvarju. U kienet ir-rieda tal Missier li Marija tik kollabora intimament ma binha. Għalhekk nistgħu ngħidu li fuq il-Kalvarju Marija mietet ma' Kristu. Iżda kif Kristu miet biex jirxoxta hekk ukoll Marija rxoxtat miegħu. U għaliex hija rxoxtat bħal Kristu hija barra miż-żmien u mill-ispazju. Għalhekk hija dejjem presenti fil-knisja u fil-ħajja ta' kull wieħed.*

*Marja hija l-ħlieqa mhux biss tal-bieraħ imma wkoll tal-lum u ta' għada; hija krejatura ta' tama; hija Omm it-tama.*

*Il-Konċilju jgħidilna li Marija "li fis-sema hi igglorifikata fil-ġisem u fir-ruħ, tixgħel quddiem il-poplu t'Alla fil-mixja tiegħu fuq l-art bħala dawl ta' tama żgura" (LG 68); mhux biss, imma "imtellgħa s-sema ma ħallietx din il-funzjoni ta' fidwa; iżda bl-interċessjoni tagħha diversa tkompli tiksbilna l-grazzji tas-saħħa ta' dejjem. Bl-imħabba tagħha ta' omm tieħu ħsieb l-aħwa tal-Iben tagħha li għadhom imdawrin minn perikli u tiġrib" LG 62).*

*Dan kollu għandu jħeġġiġna biex nimitawwha, nitolbuha u nħobbuha.*

*Għandna nimitawwha, għaliex ilkoll kemm aħna rridu li ġurnata nipparteċipaw magħha mill-glorja tas-sema.*

*Għandna nitolbuha, għaliex aħna tant dgħajfa, "aħna msejkna midinbin, fil-mixja tagħna, f'dan il-wied tad-dmugħ" ma nistgħux ngħaddu mingħajr l-għajnuna tagħha, u mingħajr l-interċessjoni tagħha ta' Omm.*

*Għandna nħobbuha, għaliex hija Omm. Hija, b'mod partikulari, ma tistax tħallina weħidna, tagħtina biss xi għajnuna, tidħol għalina f'mumenti ta' neċessità; dan kollu huwa ftit wisq; Hija tinsab dejjem ħdejna tieħu ħsiebna u ma ssibx kwiet qabel ma tarana ngawdu magħha fis-sema. Din hija l-missjoni tagħha ta' Omm, waqt li tkompli b'mod singulari fis-sema, ma tieqaf qatt sakemm ikun hemm bniedem, iben, xi tħares, xi ssalva fuq din l-art.*

*Imma jmiss lilna li npoġġu jdejna ġo tagħha, li nifthula qalbna, li nisimgħu t-twissijiet tagħha ...... bħala wlied.*

**Mons. Benedett Camilleri.**

# MARIJA OMM IL-KNISJA

## TESTI BIBLICI

Minn

**REV. FR. DONAT SPITERI**

**O.F.M. Cap., S.ThD., S.S.L.**

B'digriet tal-Kongregazzjoni Sagra tas-Sagramenti u l-Kult Divin żdied titlu ieħor tal-Madonna fil-Litanija tagħna: **Omm il-Knisja.** Dan mhuwiex titlu ġdid ġdid: għandu r-raġuni u l-pedament tie-jew aħjar, hu titlu qadim daqskemm hu għu fir-rivelazzjoni biblika fuq Marija ta' Nażaret.

Fl-Eżortazzjoni Apostolika **Marialis Cultus** tal-Papa Pawlu VI naqraw: "Illum hu magħruf bħala bżonn ġenerali tad-devozzjoni nisranija li kull xorta ta' qima għandha jkollha karattru bibliku. Il-progress li sar fl-istudji bibliċi, it-tixrid li dejjem jiżdied tal-Kotba Mqaddsa, u fuq kollox l-eżempju tat-tradizzjoni u tal-ħidma moħbija ta' l-Ispirtu s-Santu qegħdin iġiegħlu lin-nisrani ta' llum jinqeda dejjem aktar bil-Bibbja bħala l-Ktieb fundamentali tat-talb tiegħu u jieħu minnu ispirazzjonijiet veri u eżempji mill-aqwa".

Il-Papa kiteb dan il-kliem biex aħna nżommuh quddiem għajnejna bħala prinċipju fundamentali tal-vera devozzjoni lejn il-Madonna. Kull xorta ta' devozzjoni u kull titlu li nagħtu lill-Madonna jrid ikun mibni fuq ir-revelazzjoni biblika u minnha joħroġ.

It-titlu ta' Marija bħala "Omm il-Knisja" joħroġ mit-testi ewlenin li għandna fil-Bibbja fuq Omm il-Messija Ġesù.

---

### Ġen 3, 1-15

......**U l-Mulej Alla qal lis-serp: "Talli għamilt hekk ... Innissel mibgħeda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u bejn nisilha. Hu jgħaffiġlek rasek u inti tgħattanlu għarqubu". U lil martu Adam semmieha Eva, għax kienet omm il-ħajjin kollha.**

Il-misteru tal-Knisja jitħabbar b'dan il-kliem fl-ewwel paġni tal-Bibbja ma' l-istess tħabbira tal-misteru ta' Kristu u ta' Marija. "Nisel is-serp" hu l-eżerċtu tal-ħażen, li jaħdem f'kull żmien permezz ta' dawk kollha li jissieħbu flimkien f'egħmil ix-xitan.



"Nisel il-mara" hu l-eżerċtu tat-tajbin bil-Messija bħala l-ewwel wieħed; huma dawk kollha li f'kull żmien jingħaqdu miegħu fil-glieda kontra l-ħażen. Il-bnedmin kollha ta' kull żmien, magħqudin flimkien ma' Ġesù Kristu u mmexxijin minnu bħala l-Kap tagħhom, huma "nisel il-mara"; fl-għaqda tagħhom miegħu huma wlied Marija, Omm Ġesù. Hekk dan "l-ewwel evanġelu" jħabbar li Marija hi *Omm il-Knisja* u jitfa' d-dawl fuq il-missjoni salvifika tal-Knisja tal-Messija, li hi "nisel il-mara".

Kif Ġesù sar it-tieni Adam, għax daħal flok l-ewwel Adam bħala l-Kap tal-bnedmin tal-ħolqien il-ġdid, hekk Marija saret it-tieni Eva. L-ewwel Eva tat il-mewt u tilfet id-dritt li tkun tassew "omm il-ħajjin kollha". It-tieni Eva tat il-ħajja u saret hi tassew Omm il-bnedmin kollha, li huma ħajjin bil-grazzja ta' Ġesù Kristu, "l-ewwel iben tagħha" (Lq. 2, 7). Ġesù hu "il-kbir fost ħafna aħwa", li fih u bih huma lkoll ulied Marija.

**Lq. 1, 26-38**

**.....Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti sa tnissel fil-ġuf, u jkollok iben u ssemmih Ġesù" ...... Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!"**

Għall-kelma ta' Marija, "il-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw. 1, 14). L-Iben ta' Alla sar Bin il-bniedem, Bin Marija ta' Nażaret. U Marija, meta saret Omm Ġesù, kisbet id-dritt u s-setgħa li ssir ukoll Omm dawk kollha li f'kull żmien kienu sa jsiru membri tal-Ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja.

"It-twelid tar-Ras hu t-twelid tal-Ġisem"; għalhekk, "L-Omm ta' Kristu hi l-Omm tal-membri ta' Kristu"; "Hi tassew Omm il-membri ta' Kristu, għax bil-karità tat sehmha fit-twelid tal-membri

tal-Knisja, li huma l-membri tar-Ras" (Dawn huma kollha kummenti ta' S. Wistin).

Ġw 19, 25-27

**......Kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok". U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.**

Il-misteru moħbi ta' Marija ixxandar minn Ġesù Kristu nnifsu fl-aħħar siegħa ta' ħajtu. Ġesù xandar li Ommu hi wkoll Omm il-bnedmin kollha li huma tiegħu, kif tiegħu kien id-dixxiplu l-maħbub. Ġesù kien jaf li Ommu Marija kellha d-dritt tkun Omm id-dixxipli tiegħu. Għalhekk, qabel ma miet, wera bi kliemu li hekk kienet tassew.

Dik kienet is-siegħa ta' Marija - *is-siegħa ta' l-Omm*. Marija, li l-ewwel weldet lil Binha Ġesù bla tbatija, meta ġiet is-siegħa tagħha, welldet lilna wkoll, hi u tissieħeb ma Binha fit-tbatija.

Il-Knisja ħarġet mill-qalb ta' Ġesù, minfuda bil-lanza, u ġiet afdata minn Ġesù f'idejn Ommu Marija.

Atti 1, 12-14

**Xħin daħlu fil-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu ... U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa, u ma' Marija, omm Ġesù, u ma' ħutu.**

Ġemgħa ta' madwar 120 ruħ kienu miġburin qalb waħda u ruħ waħda fil-kamra ta' fuq ta' dar f'Ġerusalem. Din kienet "il-merħla ċkejkna" ta' Ġesù, kienet il-Knisja fil-bidu tagħha. Ma setax jonqos li jkunu magħhom il-Ħdax l-Appostlu, il-kolonni tal-Knisja. Imma magħhom ukoll kellha tkun hemm Marija, Omm il-Knisja. Fost l-ewwel ġemgħa Marija tidher bħala l-ewwel dixxiplu, il-membru l-aktar prominenti tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu; imma wkoll bħala l-Omm bl-ewwel uliedha miġburin madwarha.

Marija, Omm il-Knisja, kienet hemm ma' l-ewwel membri tal-Knisja, titlob magħhom biex l-Ispirtu s-Santu jinżel fuq il-Knisja u jagħti r-Ruħ lill-Ġisem kollu.

Apok 12, 1-6

**U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha......**

Fid-dehra tal-Mara u d-Dragun, irrakkontata mill-awtur ta' l-Apokalissi, naraw il-parallelliżmu ċar mar-rakkont tal-Mara u s-Serp tal-Ktieb tal-Ġenesi. Fiż-żewġ rakkonti l-Mara u d-Dragun (is-Serp) huma egħdewwa l-aktar qliel ta' xulxin. Wara ż-żmien twil tal-ġlieda bejniethom, ir-rebħa ta' l-aħħar tkun tal-Mara.

Fil-Mara ta' l-Apokalissi naraw lil Marija, Omm il-Messija, kif narawha wkoll fil-Mara tal-Ġenesi. Imma fil-figura tal-Mara jew ta' Marija, Omm Ġesù, naraw wkoll il-Knisja fil-missjoni tal-ġlieda qalila tagħha kontra l-ħażen. Marija hi "xbieha tal-Knisja."

ikompli f'paġna 83

# Is-Santwarju ta' Pinu u d-Devozzjonijiet Marbutin Miegħu

Mill-E.T. MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX

## IS-SANTWARJU SA NOFS IS-SEKLU SBATAX

Fost l-eluf ta' persuni li jiġu Għawdex ta' kull sena l-kotra l-kbira ma jonqsux li jaslu sas-Santwarju ta' Pinu li qiegħed fix-xaqliba tal-Majistral tal-gżira. Kważi dawk kollha li jżuru dan il-post, Maltin u frustieri, jammiraw is-sbuħija ta' dan il-monument tal-arti, iżda ftit huma dawk li jinnotaw li l-parti l-qadima tiegħu hija wkoll monument storiku li jixhed il-qima li mill-eqdem żminijiet il-Għawdxin kellhom lejn il-Madonna.

Qegħdin nitkellmu dwar il-kappella iddedikata lil Verġni Marija mtellgħa fis-sema u li kienet tissejjaħ "Tal-Gentili". Hija kienet waħda mill-kappelli mxerrda 'l hawn u 'l hemm fil-kampanja Għawdxija. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn kienu nbnew minn diversi sidien tal-art, li waqqfu benefiċċi sabiex jagħtu manteniment lil xi saċerdot u jissodisfaw wkoll id-devozzjonijiet partikolari tagħhom billi fi ġranet determinati tas-sena, jkun hemm min iqaddes u jagħmel xi funzjonijiet oħra. Matul il-medda taż-żmien, ħafna minn dawn il-kappelli ġġarfu. Skond manuskritt ikkonservat fl-arkivju tal-Kurja t'Għawdex (1) sat-tmiem is-seklu sbatax, il-knejjes jew kappelli li kienu ġew ipprofonati, kienu jlaħħqu 102.

Nistgħu ngħidu li mit-twaqqif ta' din il-kappella sa l-aħħar perjodu tas-seklu XIX, ix-xorti tagħha kienet tvarja minn żmien għall-ieħor għaliex aktar minn darba wara medda ta' żmien li fih kienet miżmuma tajjeb għaddiet għal żmien ieħor li fih kienet abbandunata u fi stat ħażin ħafna.

It-tagħrif l-aktar siewi dwar il-ġrajjiet qodma ta' din il-kappella, nistgħu nisiltuh fuq kollox mill-atti tal-Visti Pastorali li l-Isqfijiet ta' Malta jew prelati oħra ddelegati mill-Awtorità Ekkleżjastika kienu jagħmlu fil-knejjes ta' pajjiżna.

Fis-sena 1545, saritilha il-viżta pastorali tal-Isqof Mons. Fr. Domenico Cubelles (Spanjol) li fl-atti tiegħu jgħidilna li kien għadha kemm ġiet mibnija mill-ġdid. Hija kellha ukoll xi biċċiet tar-raba' li mid-dħul tagħhom, skond ix-xewqa tal-fundatur kienet issir il-festa titulari tagħha fix-xahar t' Awissu. (2)



**Il-Kwadru titulari, xogħol tal-pittur Amadeo Perugino li sar fis-sena 1619 u tħallas minn Pinu Gauci.**

Fl-atti taż-żjara apostolika magħmula fis-sena 1575 mir-Rev.mu Monsinjur Pietru Duzina, Viżitatur Apostoliku mibgħut mill-Papa Girgor XIII, naqraw: "Il-knisja msejħa tal-Ġentili, qegħda fil-ħâra ta' Għammar, kienet imwaqqfa mill-familja Ġentili, u għandha bħala legat tommna raba bl-obbligu li tiġi ċelebrata quddiesa waħda fil-festa ta' Santa Marija f'nofs Awissu li jsiru t-tiswijiet meħtieġa fil-knisja u għal dan l-obbligu ma ħax ħsieb Mattew de Emmanuel, li bħala prokoratur tal-knisja msemmija jippossiedi r-raba li għidna. Is-sinjur (Viżitatur) ordna li l-knisja msemmija tiġi profonata skond il-proċedura tal-Konċilju ta' Trentu u li jiġu ttrasferiti għal-knisja parrokkjali l-obbligi tagħha." (3)

Bħal ħafna kappelli oħra fil-kampanja, li ġew ipprofonati u mġarfa, din il-knisja wkoll wara id-digriet tal-Viżitatur Apostoliku suppost li kellha tispiċċa darba għal dejjem. Iżda għal xi raġuni jew oħra din il-qerda ma seħħitx. Kif jgħidilna Mons. Farrugia, hija tradizzjoni fost in-nies tal-Għarb li jirrakkontaw kif meta l-ħaddiema medd-ew idejjhom biex iġarrfu din il-kappella, ma l-ewwel daqqa ta' baqqun, l-imgħallem kiser driegħu. Il-ħaddiema dehrilhom li dan kien sinjal li dak il-post ma kellux jiġi meqrud u għalhekk ħadd iktar ma issogra jwaqqa' l-kappella. (4)

Fis-sena 1587, il-proprjetà li kellha l-knisja, għaddiet mingħand Mattew de Manuel għand Pinu Gauci. Dan kien jieħu ħsieb il-knisja fis-sena 1615 meta saret il-viżita pastorali ta' Mons. Baldassare Cagliares (Malti). Difatti fl-atti ta' din il-viżta naqraw li l-bibien kienu bla serratura, ma kienx hemm kandlieri u l-anqas kwadru u li l-knisja kienet teħtieġ it-tiswija għaliex kienet marret lura. Pinu Gauci offra minn jeddu li joħroġ għoxrin (20) skud għal dan il-għan. (5)



Fi żmien sitt snin, il-kappella ġiet mibnija mill-ġdid, ġie mtella' artal tal-ġebel, inxtraw xi ħwejjeġ meħtieġa għall-użu liturġiku u tqiegħed ukoll il-kwadru tal-artal. Dan jirrappreżenta lil Sidtna Marija mtellgħa s-sema u għadu ivvenerat b'qima kbira sallum. Ħareġ il-flus għal din il-pittura, Pinu Gauci u x-xogħol għamlu fl-1619, il-pittur Amadeo Perugino li kif jgħidilna Mons. Farrugia, kien ġie Malta fl-1605 flimkien mal-Inkwiżitur Mons. Ettore Diotallievi. (6)

Pinu Gauci, mhux biss għen bi flusu biex terġa tinbena l-knisja, iżda kull nhar ta' Sibt u fil-festi kien jixgħel il-lampa taż-żejt. F'jum il-festa titulari u xi drabi oħra matul is-sena mbagħad kien jieħu ħsieb li tiġi ċċelebrata l-Quddiesa. Din il-ħeġġa u d-devozzjoni ta' Pinu Gauci ġiet imfaħħra mill-Isqof Cagliares fl-atti tal-vista tiegħu tal-1621. (7)

Wara l-mewt ta' Pinu Gauci, Clara l-armla tiegħu kompliet tieħu ħsieb li ssir il-festa tal-Assunta fil-kappella u li l-lampa tkun mixgħula kull nhar ta' Sibt.

Milli jidher, l-Isqof Cagliares ħa nteress speċjali f'din il-kappella u fil-vista tiegħu tas-16 ta' Jannar, 1630 reġa nsista sabiex issir is-serratura u fil-bibien jintagħmlu bħal twieqi żgħar bi grada tal-ħadid, kif ukoll biex isir żuntier quddiem il-knisja. (8)

Mill-atti taż-żjara pastorali tal-1635, magħmula mill-Isqof Michele Giovanni Balaguer Camarosa, (9) jirriżulta li nbeda z-zuntier quddiem il-kappella u li kienu saru t-twieqi żgħar bil-gradi tal-ħadid. Fl-atti tal-vista tal-1644, (10) naqraw li d-devoti tal-Madonna ta' Pinu kienu jaħsbu biex il-lampa tinżamm mixgħula u li l-festa titulari kienet issir fis-16 t'Awissu bil-primi vespri u bil-quddiesa, għaliex ma kienx possibli tiġi ċċelebrata fil-jum propju tal-Assunzjoni mħabba l-festa tal-Matriċi.

Sal-1654, iz-zuntier kien lest imdawwar b'ħajt u kien hemm wkoll tliet tarġiet li jwasslu għalih. (11)

Mons. Farrugia jgħidilna (12) li l-knisja fl-1654 ġiet ipprofonata mill-ġdid din id-darba mill-Isqof Mons. Michele Giovanni Balaguer, għaliex kienet fi stat ħażin; u għad li ma ġietx imġarrfa, iżda kienet magħluqa għal kult. F'dak iż-żmien l-artijiet ta' madwar il-knisja kienu jappartienu lil Gio Domenico Muscat J.U.D., nepputi minn naħa ta' ommu ta' Pinu jew Filippino Gauci u li kellu wkoll id-dmir li jwettaq l-obbligi annessi mal-fundazzjoni ta' din il-kappella.

Il-ġrajja tal-profonazzjoni tal-kappella magħmula b'ordni tal-Isqof Balaguer jirrakkontawha wkoll kittieba oħra li ħallewlna listorja ta' dan is-Santwarju (13) però, ma tirriżultax mill-atti tal-vista pastorali magħmula fl-istess sena u mill-istess Isqof Balaguer.

**REFERENZI:**


(1) Breve Relazione delle Chiese profanate nell'isola di Gozo, pp. 24-43.

(2) Atti tal-Vista Pastorali ta' Mons. Fr. Domenico Cubelles.

(3) Visitatio Apostolica facta in Civitate et Insulae Melitae de anno 1575 ab Illmo et Revmo. D. Pietro Duzina, Inquis, Protonot. et Visit. Aplico A.S.M. Greg. PP. XIII specialiter deputato. (Kopja manuskritta) pag. 271.

(4) Can. Teol. Don Giuseppe Farrugia: "La Beata Vergine Ta' Pinu" in Gozo, pag. 12.

(5) Atti tal-Viżta Apostolica ta' Mons. Baldassare Cagliares, f'Novembru 1615. pag. 25 tal-qwintern VIII, ......

"habet altare lapideum sine scabello, et ostium respicientem ad aquilonem cum valvis ligneis absque sera ferrea, caret, cadelabris et aliis requisitis, indiget icona, ac etiam reparatione ipsa Ecclesia ob ejus vetustatem, habet tamen aliqua bona hodie possessa per Pinum Gauci, qui nunc sponte se offert tradere scuta viginti ad hoc ut denuo reficiatur dicta Ecclesia..." Biex iwettaq il-Viżti Pastorali f'Għawdex, l-Isqof Cagliares kien jinqeda bil-Vigarju Ġenerali tiegħu Can. Pietro Francesco Pontremoli. Arthur Bonnici "History of the Church in Malta", second volume, pag. 23.

(6) Can. G. Farrugia. Op. Cit. pag. 31.

(7) Atti tal-Viżta Apostolika ta' Mons. B. Cagliares, fl-24 t'April 1621, pag. 31 tal-kwintern X, "...accesserunt ad Ecc.iam noviter aedificatam in contrata ta' Hammar sub invocatione B.V.M. Assumptae, quae habet altare lapideum amplum, cum ycona noviter depicta satis pulchra, cum cornicibus ... Fuit multum comendata devotio et pietas dicti Pini, et hortatus ut incepta perficiat, et eidem Ecc.iae de maiori redditu provideat, ut in posterum ejus devotio magis accrescat..."

(8) Atti tal-Vista Pastorali ta' Mons. Cagliares, fis-16 ta' Jannar, 1630, kwintern XI: "... mandaverunt confici sera ferrea cum clave ut porta claudi possit. Voluerunt similiter in ipsis portis fenestrellam incidi ac crate ferrea muniri ... et ante ostium conducens cemeterium fabricari..."

(9) Atti tal-Vista Pastorali ta' Mons. Michele G. Balaguer fit-30 ta' Novembru, tal-1635... "Ostium respiciens orientem, tenetur clausum cum duabus fenestrellis, cum cratis ferreis; ante est cemeterium nondum finitum, quod Dni mandaverunt perfici, et dari Ecc.iae liberum aditum".

(10) Atti tal-Vista Pastorali ta' Mons. Balaguer fit-22 ta' Novembru, 1644; pag. 12 kwintern XVII; "...lampas tenetur accensa diebus sabbatis ex devotione fidelium, festum celebratur die 16 Augusti cum primis vesperis et missa, eo quod dies ipsa Assumptionis impeditur festo Matricis".

(11) Atti tal-Vista Pastorali ta' Mons. Balaguer tal-1654, pag. 22 kwintern XVIII; "...cemeterium amplum muris circumdatum ad quod ascenditur per tres gradus lapideos".

(12) Can. G. Farrugia, op. cit. pag. 6.

(13) Dun Amante Buontempo, "Il-Madonna Ta' Pinu" pag. 6; Comm. Edgar Montanaro. "The Blessed Virgin of Ta' Pinu Sanctuary" pag. 8; Dun Franġisk Borg, "Is-Santwarju Basilika tal-Madonna Ta' Pinu", pag. 7.

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL IZ-ZMENIJIET (3)

MILL-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI

**FESTA TAD-DULURI TAL-MADONNA:**

Din il-festa tfakkar il-pwieni kbar li Marija Verġni sofriet matul il-passjoni u l-mewt ta' Binha Ġesù biex taqdi d-dmir tagħha ta' Korredentriċi tagħna. L-ewwel ħjiel ta' dil-festa narawhom fil-Konċilju ta' Kolonja li sar fl-1423. Mis-seklu 16, fi Franza u fl-Italja bdiet issir nhar il-Ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm. Il-Papa Benedittu XIII ordna dil-festa għall-Knisja Latina kollha fis-sena 1727 bl-uffiċċju u l-quddiesa bħal dawk tal-15 ta' Settembru. Fl-1960, fi żmien il-Papa Ġovanni XXIII bdiet issir bħala tifkira, iżda baqgħu jsiru żewġ quddisiet tagħha fejn qabel kien hemm devozzjoni lejha bħal ma nsibu f'dawn il-gżejjer ta' Malta u Għawdex fejn kważi f'kull parroċċa hemm xi artal jew kwadru jew statwa jew għaqda tagħha.

Fil-Qalb ta' Marija kien hemm tlitt imħabbiet (i) lejn Ġesù; (ii) lejn l-erwieħ; (iii) u lejn Alla. Kienet tħobb lil Alla u qalbha kollha kienet attenta li tixbhu. San Ġwann Appostlu qal: "Hekk



Alla ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni". (Kap. 3 v. 16). Hekk ukoll jista' jingħad minn Marija: Hekk ħabbet id-dinja li tat l-Iben tagħha l-waħdieni. L-imħabba hi l-għaqda ta' ħsieb, ta' xewqa, ta' fehma. Hija ħabbet lil Ġesù: il-qofol tal-imħabba tagħha wera l-kobor tad-dulur tagħha. L-għaref patri Rikardu ta' San Vitor igħid: "Bħalma ma kienx hemm imħabba bħal tagħha hekk l-anqas kien hemm dulur bħall-għali tagħha". Għall-imħabba tagħha, kull piena tal-Iben kienet dulur ta' Ommu. Is sejf ma laħaqx lil Ġesù jekk ma nifidx il-Qalb ta' Ommu Marija bħal ma jgħid San Bernard. Id-daqqiet kollha kontra l-Iben kienu ripetuti għal Ommu. Ir-ruħ ta' Marija kienet mera l-aktar ċara li tirrifletti kull tbatija ta' Ġesù. (San Lawrenz Giustiniani) Marija tħobb l-erwieħ. U fuq il-Kalvarju wara li sofriet duluri ħorox għall-bnedmin, stħoqqilha tissejjaħ l-Omm ta' kulħadd. Marija tatna l-ħajja meta saret Omm Ġesù, ma' Ġesù u għal Ġesù ħelsitna mill-infern u mill-mewt. Il-ħeġġa għall-erwieħ kienet fil-qalb ta' Marija kollha mkebbsa: in-nar biss tal-Qalb ta' Ġesù kien aktar imħeġġeġ. Il-ħeġġa hija n-nar waħdieni u l-fjammi huma ħafna. (Feste di Maria, Giac. Alberione pag. 61-62). Marija fuq il-Kalvarju ssofri u titlob u meta tatna lil Binha tatna kull ma kellha għażiż għaliha u nistgħu ngħidu: "Ara dik il-Qalb li tant ħabbet lill-bnedmin, u tatħom kull ma kellha". Minn dan nagħrfu s-siwi ta' ruħna li swiet id-demm ta' Ġesù u duluri lil Ommna Marija u għandna nagħmlu kull ma nistgħu dejjem u kullimkien biex insalvawha mit-telfien ta' dejjem.

## FESTA TAL-MADONNA TAL-BON KONSILL

F'xi bnadi, fis-26 ta' April, issir il-festa tal-Madonna tal-Bon Konsill. Fil-25 ta' April, 1467, xbieha tal-Madonna bil-Bambin Ġesù fi ħdanha, inġabet minn Scutari fl-Albanija lejn Genazzano fid-djoċesi ta' Palestrina, fl-Italja, minn żewġ irġiel Albaniżi u tpoġġiet fil-knisja tal-patrijiet ta' S. Wistin. Qalgħet ħafna grazzji u għamlet ħafna għeġubijiet. Dil-festa bdiet issir fl-istess inħawi fl-1727 fis-26 ta' April, billi fil-25 ta' l-istess xahar taħbat il-festa ta' San Mark Evanġelista. Il-Papa Piju VI fis-sena 1789 ta l-permess li dil-festa ssir mill-Agostinjani kollha. Diġà fl-1753, il-Papa Benedittu XIV kien approva Pija Unjoni li kellha bħala protettriċi tagħha lill-Verġni Marija taħt dan it-titlu u hu stess ried li jissieħeb fiha. Iktar 'il quddiem id-devozzjoni tagħha nfirxet f'diversi djoċesi u fl-1884, il-Papa Ljun XIII approva l-quddiesa u l-uffiċċju tagħha. Fiha kellu fiduċja partikulari tant li fil-Litanija tal-Madonna żied ukoll it-talba: Omm tal-parir it-tajjeb, itlob għalina. Fir-riforma tal-Kalendarju, fl-1913, kienet tneħħiet, iżda mill-1916 il-qima lejha reġgħet xegħlet u hekk għadha sal-lum. Il-Papa Ġwanni XXIII kien għamel żjara fis-Santwarju tagħha ta' Genazzano fil-25 ta' Awissu, 1959, u għamel talba mħeġġa quddiem il-kwadru tagħha. Waqt li kien hemm talab lill-folla li nġabret, biex dejjem tafda fil-ħniena tal-Madonna u tinġabar taħt il-mant tagħha ta' Omm biex ilkoll niksbu d-dawl tal-ħajja ta' dejjem. F'Għawdex kien hawn devozzjoni kbira lejha.

Jingħad li fil-Kolleġġjata ta' l-Għarb kien hemm kwadru tagħha li kellu miegħu ħafna wegħdi ta' deheb u fidda. Raġel daħal fil-knisja fis-27 ta' Diċembru, 1796, fis-1.30 a.m. u seraq il-kwadru

bid-deheb u l-fided kollha. Dan, biex ma jinqabadx, ħa li qabillu u mar poġġa dal-kwadru ġewwa għar fir-raba msejjaħ "tal-imtieħen", fit-triq ta' Wied il-Mielaħ. Xi bdiewa qabdithom ix-xita u marru jistkennu fl-istess għar u sabu dak il-kwadru mirakuluż u qalu b'kollox lill-Arċipriet tal-Għarb u x-xbieha ttellgħet mill-ġdid fi proċessjoni f'postha fil-Kolleġġjata u tpoġġiet fuq l-artal maġġur fuq il-presbiterju fejn baqgħet sal-1935. Fil-21 ta' Jannar, 1797, il-ħalliel radd lura fil-qrar lill-qassis il-fided u deheb kollu li kien seraq u reġgħu tpoġġew f'posthom ħdejn ix-xbieha tal-Madonna. Dawn imbagħad insterqu minn Napuljun meta ġie Għawdex. Il-patrijiet Agostinjani xerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Bon Konsill f'dawn il-gżejjer. Bdew fl-Imdina fejn kellhom il-kunvent ta' San Mark, u wara f'Għawdex, fejn fuq l-artal maġġur tal-knisja tagħhom fir-Rabat tidher ix-xbieha tagħha. L-artal huwa wkoll ikkonsagrat lilha kif tgħid il-lapida li hemm fuq in-naħa ta' wara ta' l-istess artal.

Il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom iddedikata lill-Madonna tal-Bon Konsill is-Sagra Infermeria fil-Belt Valletta u l-kwadru tagħha fl-istess post tpitter minn Antonio Favray, fl-1759. Minn dak in-nhar kellhom qima speċjali lejha. Fl-1767, Fra Giovanni Injazju Fenech, kappillan ta' l-ordni li kien iservi fl-Infermeria, kien il-prokuratur ta' din ix-xbieha. Dan talab lill-Papa Klement XIII fl-istess sena biex jagħti xi indulġenzi lil min jitlob quddiemha. Fit-13 ta' Awissu, 1767, l-istess Papa ta indulġenza plenarja lill-morda u lil dawk li jduru bihom fl-Infermerija u jitolbu quddiem il-Madonna tal-Bon Konsill. Dawn l-indulġenzi kienu jintrebħu kull sena fit-tielet Ħadd ta' Novembru u fis-6 festi prinċipali tal-Madonna. Meta fl-aħħar gwerra waqgħet l-Infermerija, spiċċa wkoll il-kwadru tal-Bon Konsill, imma d-devozzjoni lejha għadha ħajja. (Artiklu ta' Patri Mark Cauchi O.S.A. fit-'Times of Malta' tas-26-4-1978 p. 16).

Il-Papa Piju X, b'digriet tat-8 ta' Lulju, 1908, ta 300 jum indulġenza kuljum lil min iżur ix-xbieha tal-Madonna tal-Bon Konsill u ndulġenza plenarja f'jum il-festa tagħha lil kull min iqerr u jitqarben u jitlob skond l-intenzjoni tal-Papa u jżur ix-xbieha tagħha f'xi knisja.

Fl-24 ta' Frar, 1914, Karmni Grima (dik li kellmitha l-Madonna ta' Pinu), stqarret mad-direttur spiritwali tagħha Dun Anton Vella li darba l-Madonna tal-Bon Konsill, li tagħha kien hemm xbieha fil-Kolleġġjata ta' l-Għarb, qaltilha biex tmur għand persuna u tgħidilha f'isimha biex tbiddel ħajjitha ħażina (ara "Karmni Grima" ta' Dun (illum Mons. Isqof) Nikol Cauchi).

Kwadru ċkejken fil-kappella tas-Sagristija fil-Kolleġġjata Bażilika tal-Għarb juri wegħda li saret fit-2 ta' April, 1773, minn ekwipaġġ li nqabad fuq il-baħar f'tempesta qalila u, meta talbu lill-Madonna tal-Bon Konsill, ġew meħlusin mill-għarqa, fost l-irjieħ u sajjetti, bil-għajnuna tagħha. Nitolbu lil din l-Omm tal-Parir it-Tajjeb dawl u għerf tas-sema fid-dubji, fid-diffikultajiet, fl-istudju u fl-apostolat tagħna. Hija mhux biss iddawwalna, imma wkoll tagħtina l-qawwa meħtieġa biex inwettqu l-pariri tagħha.

# IL-MADONNA FIT-TAGHLIM TAL-PAPA GWANNI PAWLU II (2)

Minn **DUN KARM BORG**

**Kull fejn ikun u dejjem skond iċ-ċirkostanza li tkun, il-Papa ma jonqosx li jissuġġerixxi u japprova xi prattika ta' devozzjoni marjana. Fost l-eżerċizzi ta' pjetà marjana li l-Papa jħobb jissuġġerixxi jew japprova, insemmu:**

(i) **Il-Pellegrinaġġi Marjani**

Meta jitħaddet dwar il-Pellegrinaġġi il-Papa jgħid li dawn jistgħu ikunu ta' żewġ xorta: il-pellegrinaġġ tax-xbiha tal-Madonna li tmur fost uliedha ta' territorrju jew parroċċa determinata, u l-pellegrinaġġ tad-devoti li jmorru ħdejn il-Madonna f'xi Santwarju Marjan. Fid-diskors li għamel fil-parroċċa ta' San Sigismondo fi Czestochowa nhar l-4 ta' Ġunju 1979, il-Papa tkellem dwar il-pellegrinaġġ tal-Madonna s-Sewda madwar il-Polonja.

Fid-diskors tiegħu tal-14 ta' Settembru 1979 lill-pellegrini tas-Senegal qal hekk: "Jiena naf li intom għamiltu ħafna sagrifiċċji biex għamiltu dan il-pellegrinaġġ għal fuq l-oqbra tal-Appostli Pietru u Pawlu u għall-post imbierek tad-dehriet tal-Madonna lil Santa Bernardetta. Jalla tħossukom ferħana!"

L-eżempju tal-Papa, pellegrin huwa stess għal tant Santwarji marjani fl-ewwel sena tal-Pontifikat tiegħu huwa stedina l-aktar ċara biex nivvalorizzaw pellegrinaġġi bħal dawn għas-Santwarji, "Oasi tar-Ruħ."

(ii) **Xbihat tal-Madonna**

Fid-diskors tiegħu lil dawk li jgħamlu x-xbihat tal-Madonna, fl-udjenza ġenerali tat-8 t'Awissu 1979, il-Papa tkellem fuq l-importanza tax-xbihat tal-Madonna.

(iii) **Il-Konsagrazzjoni lill-Madonna**

Fl-omelija tiegħu fis-Santwarju ta' Loreto nhar it-8 ta' Settembru 1979, il-Papa fakkar l-20 anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Italja lill-Qalb Immakulata ta' Marija u raġa' ġedded din il-Konsagrazzjoni kif kien ċiġa għamel fis-26 ta' Awissu fuq il-Marmolada. Tista' tgħid li fis-Santwarji kollha li żar il-Papa dejjem ġedded il-Konsagrazzjoni tiegħu u tal-Knisja lill-Madonna.

(iv) **Il-Kungressi Marjani**

Fl-14 ta' Ottubru, fid-diskors tal-Anġelus, il-Papa għamel aċċen għall-Kungress Marjoloġiku u l-Kungress Marjan li kellhom isiru f' Zaragoza fi Spanja ħdejn is-Santwarju tal-Pilar. Għal din l-okkażjoni huwa bagħat ittra sinjifikattiva ħafna biex iħeġġeġ għall-istudji marjani u għat-tiġdid tad-devozzjoni.

(v) **L-Angelus u r-Rużarju**

Fost it-talbiet lil Marija, il-Papa jirrakkomanda b'mod speċjali l-Anġelus u r-Rużarju. Ta' din id-devozzjoni huwa stess jagħtina l-isbaħ eżempju billi jirreċita publikament l-Anġelus fil-Ħdud u l-festi u billi jgħid ir-Rużarju fi trasmissjoni speċjali darba fix-xahar mir-Radju Vatikan.

Fid-29 ta' Ottubru 1979, f'udjenza ġenerali qal hekk: "Ir-Rużarju huwa t-talba favorita tiegħi. Talba meraviljuża! Meraviljuża fis-sempli-

ċità tagħha u fil-profondita. F'din it-talba nirrepetu ħafna drabi il-kelmiet li l-Verġni Marija semgħet minn għand l-Arkanġlu u minn għand il-qariba tagħha Eliżabetta. Ma dawn il-kelmiet tingħaqad il-Knisja kollha. Tista' tgħid li r-Rużarju huwa b'ċertu mod, kumment - talba ta' l-aħħar kapitlu tal-Kostituzzjoni Lumen Gentium tal-Konċilju Vatikan II, kapitlu li jittratta dwar il-preżenza tal-għaġeb tal-Omm t'Alla fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja. Difatti, fl-isfond tal-kelmiet "Ave Maria" jgħaddu minn quddiem l-għajnejn tar-ruħ l-episodji prinċipali tal-ħajja ta' Kristu. Dawn huma l-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja u dawn - nistgħu ngħidu - jdaħħluna f'għaqda ħajja ma' Ġesù permezz tal-Qalb ta' Ommu Marija ......'"

U fid-diskors tal-Anġelus f'Pompei fil-21 ta' Ottubru 1979, filwaqt li b'mod speċjali indirizza liż-żgħażagħ, mill-qalb tal-Papa ħarġet din l-eżortazzjoni ħerqana: "Qed inħoss illum ferħ kbir għaliex nista' nirreċita t-talba ta' l-Anġelus flimkien magħkom hawn miġbura fis-Santwarju dedikat lill-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei. Hemm rabta l-aktar sħiħa bejn l-Anġelus u r-Rużarju; sew il-waħda u sew l-oħra huma talbiet Kristoloġiċi u fl-istess ħin talbiet marjani: infatti dawn it-talbiet jgħinuna nikkontemplaw u ninżlu fil-fond tal-misteri tal-istorja tas-salvazzjoni, li fihom Marija hija intimament magħquda mal-Iben tagħHa Ġesù. U f'dan is-Santwarju tinstama' għal dejjem it-talba tar-Rużarju, it-talba marjana, sempliċi, umli, - imma mhix nieqsa minn fundament bibliku u teoloġiku - u tant għażiża, fl-istorja twila tagħha, għall-fidili ta' kull kundizzjoni magħqudin fl-istqarrija tal-Fidi fi Kristu, li miet u rxoxta għas-salvazzjoni tagħna.

Għeżież żgħażagħ, il-preżenza hekk numeruża tagħkom, u l-entużjażmu kbir tagħkom huma xhieda li l-messaġġ ta' Kristu mhux messaġġ ta' mewt imma ta' ħajja; mhux ta' ħwejjeġ qodma imma ta' affarijiet dejjem ġodda; mhux ta' dwejjaq imma ta' ferħ! Għidulhom dan kollu lil sħabkom, għidulhom dan kollu lill-bnedmin kollha, bil-kant tagħkom, bl-idejali tagħkom, imma speċjalment b'ħajjitkom! 'Id-deżert isir ġnien' qal il-profeta Iżaija meta tkellem miż-żmenijiet messjaniċi. (Is. 32, 15(

Jekk aħna nagħtu ħarsa lejn din iż-zona, insibu l-ħerba impressjonanti tal-belt antika ta' żmien ir-Rumani li saret belt 'mejta' ...... Imma fejn kienet tidher tiddomina l-mewt, wara 1800 sena beda jiffjorixxi bħal ġnien spiritwali, dan is-Santwarju, ċentru ta' ħajja Ewkaristika u marjana, sinjal profetiku ta' dik il-millija, li Ġesù ġie biex iġibilna u biex jagħtina.

Għeżież żgħażagħ! Ħarsu lejn Marija! Imitaw lil Marija! Imitawha fl-apertura sħiħa tagħha lejn Alla li tiegħu hija tistqarr li hija l-'qaddeja' disponibbli u obbedjenti: fil-qalb miftuħa u ġeneruża lejn il-proxxmu tagħha fil-bżonn tal-għajnuna tal-assistenza u tal-konsolazzjoni; fil-mixja kontinwa u perseveranti wara Binha Ġesu mill-maxtura ta' Betlem sas-Salib fuq il-Kalvarju."

**Minn dan naraw li l-kult u d-devozzjoni lejn il-Madonna għandhom importanza l-aktar kbira fit-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Dan it-tagħlim tal-Papa żgur li għandu jġib 'il quddiem mhux ftit il-pastorali marjana biex tixtered fost kull klassi tal-insara, u qabel kollox fost iż-żgħażagħ, il-vera devozzjoni lejn il-Madonna.**



**A WORD FROM POPE JOHN PAUL II**

# HAIL, O MOTHER QUEEN OF THE WORLD

You are the Mother of fair Love.
You are the Mother of Jesus,
the source of all grace,
the perfume of every virtue,
the mirror of all purity.
You are joy in weeping,
victory in battle,
hope in death.
How sweet your name tastes in our mouth,
how harmoniously it rings in our ears,
what rapture it brings to our hearts!
You are the happiness of the suffering,
the crown of martyrs,
the beauty of virgins.
We beg you, guide us after this exile
to possession of your Son, Jesus.
Amen.

# HYMN TO OUR LADY ASSUMED INTO HEAVEN

MARION A. HABIG O.F.M.

Chorus: Ascend, ascend, ascend,
O Vergin, to thy throne above!
Ascend, Ascend, ascend,
Enjoy fore'er thy reign of love!

Pray, who is she who from this earth
Takes leave and quickly mounts so high?
'Tis Mary, Queen, who like the dawn
Lights up the glowing morning sky,

Ascend etc......

Rejoice, ye citezens of heav'n,
Angelic choirs in vast array!
God's Mother welcome to your home,
At Mary's feet your homage lay!

Ascend etc......

Ye princes of the court of God.
Pry open wide the gates of gold,
Asunder tear concealing veils,
Let all her coming home behold!

Ascend etc......

The fields and forests, rocky cliffs,
The earth and water, fiery flame,
The sun and moon and shining stars,
Our Queen in unison acclaim.

Ascend etc......

Our hearts are filled with hope and peace;
She leaves this vale of tears and pains,
Obtains for us who tarry here
The help of heaven, where she reigns.

Ascend etc......

As Esther pleaded with her king,
And saved her people doomed to woe,
So Mary prays to her dear Son,
or us begs pardon here below.

Ascend etc......

As Judith bravely overcame
Proud Holofernes' foolish boasts,
So Mary helps us conquer all
Assaults of wily Satan's hosts.

Ascend etc......





God's Mother, reigning now in heav'n,
We know it also is thy will
To be to each returning child
An advocate and mother still.

Ascend etc......

Partaking of the Bridegroom's feast,
Let fall for us some little crumbs,
That we may share thy happiness,
Remember us, poor little ones!

Ascend etc......

We greet thee, Mother, and our Queen,
We raise to thee a suppliant hand,
We pray to thee with firmest trust,
In this our tearful exile land.

Ascend etc......

In heaven's bliss forget us not,
Our humble, fervent prays hear,
And make us faithful, strong and true,
The while our enemy is here.

Ascend etc......

That all the world may be thine own,
With love of God cause hearts to burn,
From earthly ties our weak wean,
For heaven's treasures make us yearn.

Ascend etc......

Our Queen and Mother merciful,
We turn to thee with tears and sighs;
Afflicted all with miseries,
We beg thee, Lady, hear our cries.

Ascend etc......

Fair heaven's Queen, farewell to thee,
Until in heaven we too shall be,
And join thee there and happy see
And praise thee through eternity.

Ascend etc......

FROM THE 1980 PASTORAL LETTER OF THE IRISH BISHOPS ON THE FAMILY



# HANDING ON THE FAITH IN THE HOMES

Believing in God, means, not just knowing truths about God; above all it means, heaving a relationship of love and trust, of obedience and reverence and worship, towards God. Faith means a relationship which is a real sharing in Jesus' relationship with his Father. Therefore faith is for praying even more than it is for learning. In fact, the true way of teaching the faith, is to help children to learn to pray the faith.

**Sad and Disturbing Fact**

Prayer in home is the very heart and essence of handing on the faith in the family. It is a sad and very disturbing fact that, at least in some urban areas, family prayer seems to be on the decline. We must stop that downward slide. We must start the upward climb.

**Now is the Time**

There is no time better to do that than right here and now. There is no better year to determine to do that, than the year just following on after the holy Father's visit. Which of us will forget Pope John Paul's last special request to us, just before he left for Shannon and Am-

erica? Here is what he said: 'Your homes should always remain homes of prayer. As I leave today this island which is so dear to my heart, this land and its people which is such a consolation and strength to the Pope, may I express a wish: that every home in Ireland may remain or may begin again to be, a home of daily family prayer. That you will promise me to do this would be the greatest gift you could give me as I leave your hospitable shores.'

Ireland's form of family prayer for centuries was the family rosary. This remains a privileged form of daily prayer. Pope John Paul has said: 'The rosary is my favourite prayer.'

**Praying the Gospel into our lives**

Nowadays, the rosary can be made more meaningful by reading a few sentences from the Gospel about the different 'mysteries' around which we are praying. In this way, the rosary becomes a real form of 'Gospel - prayer', an a way of praying the Gospel into your lives.'

But the rosary is not the only form of family prayer. The traditional time, just before bedtime, may not nowadays be always found the best time for fomily prayer. The best time is the time when the whole family can join. Some families find the evening meal-time the best time. You can pray very well just sitting together round the table.

**Conscious union with the Holy Father**

Whatever other time be chosen for family prayer the Angelus, when the moment comes on television or radio, should also be made a time of real silence and prayer, in every single family. We should pray the Angelus in conscious union with our Holy Father, as he himself prays it at the same time for all the needs of everyone in the Church.

**Every home a praying home**

Your Bishops' sincerest prayer and hope is that every home in Ireland this year will remember the appeal of Pope John Paul and will make this the year of return to regular, daily family prayer. Every home in Ireland must become a praying home. Prayerless homes will, in the long run, bring about a Godless people.

---

**MARIJA, OMM IL-KNISJA** (Jaqbad minn paġna 68)

Il-ġlieda bdiet sa mill-bidu bejn is-serp u l-Mara u bejn mislu u nisilha. Il-Mara kisbet l-ewwel rebħa permezz ta' Binha, l-ewwel nisel tagħha. Imma l-ġlieda ma waqfitx; baqgħet sejra matul iż-żmien u tibqa' sejra sa l-aħħar taż-żmien bejn il-Mara u d-Dragun, il-Knisja u l-ħażen. Il-ġlieda mibdija minn Marija permezz ta' Binha Ġesù titkompla mill-Knisja permezz ta' l-ulied kollha ta' Marija.

L-ewwel rebħa ta' Marija tħabbar ir-rebħa ta' l-aħħar tal-Knisja. Ir-rebħa ta' l-Omm tkun ir-rebħa ta' wliedha fl-aħħar taż-żmien.

"Il-Verġni Mqaddsa, minħabba fid-don u l-uffiċċju tal-maternità divina li jagħaqqadha ma' l-Iben il-Feddej, u minħabba l-grazzji singulari u l-missjoni tagħha, hi wkoll magħquda ħaġa waħda mal-Knisja: L-Omm ta' Alla hi xbieha tal-Knisja". (Lumen Gentium, 63).

# OUR LADY'S PLACE IN CHRISTIAN LIFE

— By **EDWARD D. O'CONNOR, C.S.C.** —

The place which devotion to Mary should hold in the life of a Christian is niether more nor less than the place God has assigned to her in the work of Redemption. Devotion that is not based on what God has made of her is valueless, no matter what floods of sentiment it may release. On the other hand, a so-called "reasonable" attitude towards her, if, in reality, it in any way diminishes the function God intends for her to have in our lives, will cut us off to that extent from one of the main sources of Christian spirituality. The standard by which a healthy devotion is measured is neither human emotion, nor mere human reason, but the plan of God.

